MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 56/2003

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il- Gimgha 8 ta' Ottubru, 2004 .**

**Citazzjoni numru : 56/2003G1(PC)**

Anthony u Victoria konjugi Said .

vs

Victor u Josephine konjugi Curmi .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew :

Illi l-konvenuti huma l-proprjetarji ta' porzjon diviza mill-fond numru sitta u hamsin (56) u zewg bibien ohra bla numru fi Triq Cenc, Sannat, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka disa' mija u ghaxra punt decimali (910.32mk), konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' l-eredi ta' Salvu Farrugia, nofsinhar ma' Triq ta' Cens u lvant in parti ma' beni ta' Salvina Grima u in parti ma' beni tal-familja Grima, libera u franka .

Illi permezz ta' kitba privata datata tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-partijiet ftehmu dwar il-bejgh ta' din il-proprjeta' lill-atturi bil-prezz ta' mija u ghaxart elef lira maltija (Lm110,000) u bil-pattijiet u kundizzjonijiet l-ohra kollha murija fl-istess kitba (dok. A) .

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti ta' l-atturi inkluz zewg ittri ufficjali mibghuta f'Mejju 2003 l-konvenuti baqghu qed jirrifjutaw li jaddivjenu ghall-att ta' bejgh .

Talbu lill-konvenuti jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara li konvenuti huma tenuti jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgh fit-termini tal-kitba privata msemmija ;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh relattiv .

3. Tahtar Nutar sabiex jippubblika l-att ta' bejgh relattiv f'data hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi mahtura minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Mejju ta' l-elfejn u tlieta (2003) .

Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti .

Rat id-dikjarzzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, ikkonfermata bil-gurament ta’ Anthony Said .

Rat ukoll id-dokumenti annessi mac-citazzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-konvenuti qatt ma rrifjutaw li jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att finali . Kienu l-istess konvenuti li sussegwentement dahhlu fin-nofs lil certu Alex Scicluna li ried jimponi elementi godda u kundizzjonijiet li ma kienux fil-ftehim .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta’ Josephine Curmi .

Rat il-verbal tal-kontendenti maghmul fl-udjenza ta’ l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru 2004, fejn qablu illi minghajr pregudizzju ghal kustjoni dwar l-ispejjez tal-kawza u proceduri ohra relattivi, ghandha tinghata sentenza in parti minn din il-Qorti fis-sens illi ghandu jsir kuntratt ta’ bejgh opportun, fil-15 ta’ ottubru, 2004 fil-hamsa ta’ wara nofs inhar (5.00 p.m.), b’opra tan-nutar Dottor Paul George Pisani .

Il-Qorti ghalhekk u in vista ta’ dan il-verbal tal-kontendenti, qeghda taghti din is-sentenza in parte, fejn permezz taghha tordna illi l-kuntratt ta’ bejgh in kustjoni, ghandu jsir nhar il-hmistax (15) ta’ Ottubru, 2004, fil-hamsa ta’ wara nofs inhar b’opra tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, u fl-ufficcju ta’ l-istess Nutar .

L-ispejjez tal-kawza jibqghu riservati ghas-sentenza finali .

S5603Pc(sip)

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------